MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 23/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Olian Chikh Ali**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Olian Chikh Ali talli fis-17 ta' Frar 2008 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja waqt li kien ha jitlaq minn Malta fuq titjira EK108, naqas milli jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef Euro (€10,000) jew ekwivalenti lill-Kontrollur tad-Dwana.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Olian Chikh Ali ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Jannar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Olian Chikh Ali hati tar-reat addebitat lilu u, wara li rat ir-regolamenti 2 u 3 ta' l-Avviz Legali 149/2007, ikkundannatu multa ta' €5845 u ordnat li l-flus eccedenti l-€10,000 jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Olian Chikh Ali pprezentat fit-2 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u fin-nuqqas li taghmel dan tirriforma ssentenza appellata billi tapplika piena ferm anqas onoruza minn dik li giet applikata fil-konfront tieghu fl-ewwel istanza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) mill-fatti jirrizulta li fl-ebda stadju ma ghamel dikjarazzjoni falza ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 149/2007; (2) huwa qatt ma kellu l-intenzjoni specifika li jikkommetti r-reat addebitat lilu. L-Avviz Legali in kwistjoni dahal fis-sehh per konsegwenza tad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja, u bhala cittadin sirjan qatt ma seta' kellu xi hjiel dwar l-istess reat, iktar u iktar li jkollu intenzjoni specifika li jikkommetti dan ir-reat; (3) minghajr pregudizzju, il-piena hi eccessiva ghax minbarra l-konfiska tal-flus li jeccedu l-€10,000, gie mmultat ukoll €5845.

B'referenza ghall-ewwel aggravju din il-Qorti tosserva illi l-appellant ma giex akkuzat li ghamel dikjarazzjoni falza izda li "naqas milli jiddikjara" li kellu flus in eccess ta'

€10,000. Is-subregolament (2) tar-regolament 3 ta’ l-Avviz Legali 149/2007 jipprovdi: **“L-obbligazzjoni li tigi dikjarata kull somma bhal dik imsemmija fis-subregolament (1) ta’ dan ir-regolament ma ssehhx kemm-il darba dik il-persuna ma timliex il-formola li tapplika ghal dan il-kaz li tidher fl-Iskeda li tinsab ma’ dawn ir-regolamenti, u tipprezenta dik il-formula lill-Kontrollur meta tkun diehla jew hierga minn Malta, jew ghaddejja fi transit minn Malta.”** Mill-provi jirrizulta li l-appellant naqas milli jipprezenta tali formula.

Kwantu ghat-tieni aggravju, id-difiza ta’ l-appellant kienet li ma kienx jaf li kellu jaghmel tali dikjarazzjoni. Fir-rikors ta’ appell tieghu jghid illi bhala cittadin sirjan ma setax ikun jaf b’din il-ligi. Dak li ma jghidx pero` hu li mill-istqarrija tieghu jirrizulta li hu mizzewweg mara Maltija, li jahdem hawn Malta u li meta ghamel l-istqarrija fis-17 ta’ Frar 2008 qal li kien diga` ilu xi erba’ snin Malta. Fi kwalunkwe kaz il-ligi hi wahda pubblikata u pubblicizzata, mix-xiehda tal-fizzjal tad-Dwana Patrick Attard jirrizulta li kien spjegat qabel ma persuna tghaddi mill-*passport control*, u japplika bis-shih il-principju *ignorantia juris neminem excusat*. Kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo[1]:

**“It is a principle recognised by all legal systems that ignorance of the law is no excuse for breaking it …. This rule is absolute. Therefore, no invincible ignorance or error will serve for justification …. Moreover, the said rule is general and applies both in respect of crimes and in respect of contraventions and both to subjects as well as to foreigners.”**

Ghalhekk l-ewwel zewg aggravji huma michuda.

Kwantu ghall-piena, huwa minnu illi gie ppruvat mill-investigazzjoni li ghamel l-Ispettur Ian Joseph Abdilla li l-flus li kellu fuqu l-appellant ma kinux kollha tieghu izda kien hemm parti li kienu ta’ hbieb tieghu. L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet ukoll li ma kellhiex dubbju li l-appellant ma kienx a konoxxenza tal-projbizzjoni in

[1] Notes on Criminal Law, 1960 edit. p. 95 – 96.

kwistjoni, izda kompliet tghid li "ftit li xejn tista' taghmel hlief li tapplika l-ligi". Effettivament, anke jekk verament l-appellant ma kienx jaf bl-obbligu impost fuqu mil-ligi kemm-il darba jkun se johrog minn Malta b'aktar minn €10,000, il-ligi hi dik li hi u *dura lex sed lex*.

Issa, skond is-subregolament (4) tar-regolament 3 ta' l-Avviz Legali 149/2007, il-multa hija ekwivalenti ghal 25% **"tal-valur … tal-flus li jkunu qeghdin jingarru"**. Il-flus li kien qieghed igorr l-appellant kienu ekwivalenti ghal €33,380. Hamsa u ghoxrin fil-mija ta' dan l-ammont hu €8,345.[2] L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal multa ta' €5,845 ikkalkulat bhala hamsa u ghoxrin fil-mija ta' l-eccess biss. Dan ifisser li l-multa nflitta mill-ewwel Qorti kienet inqas minn dik stabbilita mil-ligi. Kwindi certament ma jista' jkun hemm ebda temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Olian Chikh Ali** deciz fit-12 ta' Novembru 2008.